



Brussell, 17 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15324/23

LIMITE

POLCOM 267  
SERVICES 49  
FDI 30  
COLAC 146

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0259(NLE)**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| Nru dok. Cion: | 11505/23 + ADD 1-7 and 11506/23 + ADD 1-7                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra<br>- Adozzjoni<br>kif ukoll<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra<br>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lil Kunsill:
  - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (ST 11505/23 + ADD1-7); kif ukoll
  - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (ST 11506/23 + ADD 1-7).

2. Il-proposti msemija hawn fuq ġew eżaminati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Lulju 2023 u approvati, b'emendi biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa, fl-20 ta' Lulju 2023.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 11666/23 u 11668/23 + ADD 1 - 2
  - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
  - jiddeċiedi li jgħaddi l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11667/23 u 11668/23 + ADD 1-2, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
-